**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can)**

**Appell Nru: 6 / 2022**

**Pulizija**

**Vs**

**Michael Angelo Xerri**

Illum 25 ta' Jannar 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra Michael Angelo Xerri imwieled fil-11 ta' Jannar 1967 iben Joseph u Judith nee' Zammit, residenti Palma, Ta' Cades, Triq Sant Anton, Xagħra, Għawdex, bil-karta tal-identita' numru 1567 G, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli:

nhar it-13 ta' Ġunju 2021 għall-habta ta' 11.45hrs fin-niżla ta' Sqaq San Marzjan, limiti ta' Triq Sant Anton, Xagħra, Għawdex u/jew fil-viċinanzi waqt li kien qed jagħmel użu minn vettura reġistrazzjoni numru KAD 962 Mitsubishi L200

1. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fil-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkaġuna ħsara involontarja fuq

motorcycle reġistrazzjoni numru HBP023 tal-għamla SYM għad-dannu ta' Emanuel Formosa.

3. Kif ukoll b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Formosa hekk kif iċċertifika Dr Paul Zammit MD tal-Isptar Ġenerali t'Ghawdex.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minn barra l-piena stabbilita bil-liġi timponi wkoll lill-imputat milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien li l-qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ta' nhar l-20 ta' Settembru, 2022, fejn il-Qorti qatghet u ddeċidiet din il-kawża billi wara li rat l-artikolu 15 ( 1 ) ( a ), ( 2 ) u ( 4 ) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 218 ( 1 ) ( b ), 226 ( 1 ) ( a ), 328 ( b ) u ( d ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa kontra tiegħu u kkundanatu għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' elf Ewro (EUR 1,000) u għal tlett xhur sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan li tibda għaddejja min-nofs il-lejl ta' llum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Michael Angelo Xerri minnu ppreżentat nhar is-6 ta' Ottubru 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **<u>tħassar u tirrevoka</u>** d-deċiżjoni appellata fil-konfront tal-esponenti, fis-sens illi tillibera lill-istess esponenti mill-

imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u sussidjarjament jekk dawn l-aggravji ma' jintlaqgħux, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha fil-parti tas-sejbien ta' ħtija kif fuq spjegat u/jew fil-parti tal-piena inflitta billi minflok tinfliġġi waħda inqas li tkun aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat illi l-aggravji huma ċari u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-AGGRAVJU**

1. Illi l-esponenti appellanti ġie rinfaċċjat bi tlett ( 3 ) akkużi kif ġej:

    a) Sewqan b'mod traskurat, perikoluż u bla kont;

    b) Ħsara involontarja fuq il-vettura ossia mutur numru "HBP023"; u

    c) B'offiza ta' natura gravi;

2. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti sabet il-ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni sollevata fil-konfront tal-esponenti appellanti u infatti sabitu ħati illi saq b'mod traskurat, perikoluż u bla kont;

3. Illi biss pero', u dejjem fl-umli fehma tal-istess esponenti appellanti, mill-iter proċesswali ma rriżulta xejn illi kellu jwassal għal konklużjoni simili;

4. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti bħal donnha sabet lilha nfisha bejn ħalltejn dwar liema verżjoni kellha temmen, u liema verżjoni kellha titwarrab; u dana ġialadarba Hija ġiet rinfaċċata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti;

5. Illi min-naħa tiegħu l-esponenti appellanti xehed b'mod ċar ħafna u fid-dettall dwar kif huwa kien nieżel mit-trejqa in kwestjoni - trejqa illi dal tronde huwa jgħaddi regolarment minnha billi kif qal huwa stess, huwa jgħix fil-qrib - u dwar kif hekk kif kien qed jikser huwa sab lill-mutur misjuq mill-kwerelant tiela f'nofs it-triq ma' wiċċu b'tali mod illi huwa ma seta' jagħmel xejn biex jevita l-impatt;

6. Illi dan jikkontrasta ferm max-xhieda mogħtija mill-kwerelant Formosa illi ma kien dettaljat xejn u fejn saħansitra tqajjem dubju dwar jekk huwa kienx qed jixrob fil-mumenti qabel l-incident *de quo;*

7. Illi għal xi raġuni pero', l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi l-esponenti kien nieżel b'velocita'. Biss pero' u bid-dovut rispett, fl-umli fehma tal-esponenti dan la ma rriżulta mill-provi u anqas fil-prattika ma jagħmel wisq sens loġiku. Dan qed jingħad għal numru ta' raġunijiet, inkluż is-segwenti:

   a) L-esponenti ma xehedx illi r-roti tat-truck misjuq minnu illokjaw jew tkaxkru - ħaġa illi żgur kienet tiġri li kienu huwa kien nieżel b'veloċita' eċċessiva u ħasad il-*break* għan-niżla. Li ġara kien, kif spjega tajjeb l-esponenti appellanti fix-xhieda tiegħu, illi fil-mument immedjatament **wara** l-impatt, u billi t-truck kien fl-agħar parti tan-niżla, dan ma setax jinżamm stazzjonarju f'dak il-post in partikolari. Assolutament ma kienx il-każ illi l-esponenti appellanti ma kienx kapaċi jwaqqaf it-truck fil-mumenti **qabel** l-impatt u li dan in-nuqqas wassal għall-inċident *de quo.* Fil-fatt it-truck ma żammx stazzjonarju fuq il-post **wara** l-impatt u x' ħin l-esponenti appellanti ġie biex jinżel minnu sempliċement għaliex il-hand break ma kienx b'saħħtu biżżejjed biex iżomm it-truck stazzjonarju f'dik il-parti tan-niżla. Il-break normali kien jorbot sew, u huwa

għalhekk illi fix-xhieda tiegħu l-esponenti saħaq illi ma setax iħalli jinżel mit-truck wara l-inċident;

b) Anqas ma tressqet evidenza illi kien hemm xi *break marks* jew *skid marks* da parti tat-truck misjuq minnu. Fil-verita' aktar jagħmel sens illi min ikun tiela jgħin xi ftit il-vettura tiegħu biex din ma tintefiex, milli jagħmel dan jew milli jsuq b'velocita' min ikun nieżel. U dan ikompli jikkonferma u jikkorrobora x-xhieda tal-esponenti appellanti fis-sens illi l-kwerelant kien tiela b'velocita';

c) Li kieku l-esponenti tassew kien nieżel b'veloċita' eċċessiva u li kieku huwa ma kienx kapaċi jwaqqaf it-truck tiegħu fil-mument ta' qabel l-impatt hekk kif huwa rabat il-break, u li kieku dan waqaf biss meta ħabat mal-ħajt, allura kieku żgur mhux forsi illi d-danni riskontrati fuq it-truck u fuq il-persuna tal-kwerelant Formosa kienu ser ikunu ferm u ferm aktar estensivi milli kienu. In-natura tad-danni minimu riskontrati fit-truck innifsu per konsegwenza ta' dan l-inċident jirriżultaw ukoll mir-ritratti illi jifformaw parti mill-proċess odjern;

8. Illi fl-umli opinjoni tal-esponenti, l-ewwel Onorabbli Qorti anqas ma kienet korretta meta irrimarkat fis-sentenza attakkata illi ladarba kien hemm mera fit-triq, allura l-esponenti kien messu ra lill-mutur in kwestjoni. Wara kollox il-mera tkun hemm għaż-żewg sewwieqa li jkunu ġejjin miż-żewg naħat, u mhux għal wieħed biss. U s-sempliċi fatt li t-triq hija wieqfa - u li allura wieħed irid jadotta aktar għaqal fis-sewqan - kellu semmai japplika għaż-żewġ xufiera, u mhux għal wieħed biss;

9. Illi kemm-il darba l-ewwel Qorti straħet fuq l-isketch tas-Surgent Jason Xerri (PS664), allura kellu jirriżultalha - ladarba din tiġi kkomparata mar-ritratti

meħuda mill-istess Surgent - illi din l-isketch ma kinitx turi tassew il-post fejn seħħ l-inċident. Infatti r-ritratti fuq naħa u l-isketch fuq naħa oħra juru storja differenti. Fil-verita' u kif xehed l-esponenti appellanti, l-impatt seħħ mal-kisra u t-truck spiċċa biss ġol-ħajt fejn jidher fir-ritratt wara l-impatt u wara li l-esponenti kien niżel minn ġo fih sabiex ikun jista' jgħin lill-kwerelant Formosa. Kieku l-esponenti baqa' fit-truck wara l-inċident u baqa' jorbot il-break tiegħu dan ma kienx ser jiċċaqlaq minn postu. Żgur li l-esponenti ma għandux jiġi penalizzat sempliċement għaliex niżel mill-vettura tiegħu sabiex jgħin lill-kwerelant Formosa.

10. Illi b'żieda ma' dan għandu jingħad illi r-ritratti esebiti mill-istess Surgent Jason Xerri (PS664) ukoll jikkonfermaw illi t-truck - x'hin il-*hand break* ma rabatx wara l-inċident - baqa' nieżel bi dritt għal ġol-ħajt u sa r-roti tal-istess truck jidhru illi kienu bi dritt fl-istess ritratt. Kieku l-esponenti ma waqafx qabel l-impatt u baqa' għaddej kif fehmet l-ewwel Onorabbli Qorti, kieku t-truck kien ikun jinstab f'pożizzjoni differenti wara l-impatt billi dan kien qed jikser mal-kisra fil-mument tal-impatt;

11. Illi l-pożizzjoni tal-mutur innifsu hija wkoll rilevanti f'dan ir-rigward. Li kieku l-esponenti kien nieżel b'velocita', il-mutur kien jiddewweb mal-impatt, u mhux jibqa' fejn it-truck;

12. Illi l-esponenti jemmen illi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset ukoll milli tagħti piż lil aspetti determinati mix-xhieda tal-partijiet, inkluż per eżempju dik il-parti tax-xhieda tal-kwerelant Formosa fejn huwa stess ikkonferma (u b'hekk ikkorrobora x-xhieda tal-esponenti) illi huwa kien qed isuq fuq in-naħa tal-lemin tat-triq, u mhux fuq in-naħa tax-xellug fejn suppost huwa kien qed isuq. Dan il-kwerelant xehdu għal darba darbtejn jekk mhux tlieta;

13. Illi aspett ieħor illi bħal donnu ġie injorat mill-ewwel Onorabbli Qorti jirreferi għad-danni riskontrati fil-vettura tal-esponenti appellanti - danni superfiċjali illi kif diġa' ngħad kellhom ikunu ferm aktar serji u estensivi li kieku l-esponenti tassew kien għaddej b'veloċita' u waqaf biss wara li ħabat ġol-ħajt;

14. Illi l-fatt ukoll illi t-triq hija wieqfa ħafna - kif dal tronde jirriżulta wkoll mix-xhieda u l-okkorrenza preżentata mis-Surġent Jason Xerri (PS664) - tant illi huwa bil-kemm seta' joqgħod bil-wieqfa u tant illi l-ambulanza ma setgħetx titla', ikompli jikkonferma kif l-esponenti ma' seta' jagħmel assolutament xejn biex jevita l-impatt fis-sekonda illi huwa sab lill-kwerelant Formosa ma' wiċċu f'nofs it-triq;

15. Illi l-Qrati tagħna diġa' kellhom l-opportunita' jistħarrġu l-leġislatur x'ried ifisser bil-frażijiet "sewqan traskurat", "sewqan bla kont" u "sewqan perikoluż":

"Sewqan traskurat (negligent driving)" hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.

"Sewqan bla kont" hu deskritt fl-artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku bħala sewqan bi traskuraġni kbira. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilta' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.

"Sewqan perikoluż" (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' periklu għal terzi jew għall-propjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-periklu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-preżenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt it-tnejn jew aktar [...]. Għal finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f' dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż.[1]

16. Illi hija l-umli fehma tal-esponenti illi mix-xhieda u mill-provi prodotti l-ebda waħda minn dawn ma rriżultat u - bid-dovut rispett - l-ewwel Onorabbli Qorti jidher illi ma fehmitx tassew id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident. Dan kollu wassal għal sentenza żbaljata;

17. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti mbagħad, jidher illi waslet għall-konklużjoni illi l-kwerelant Formosa ġarrab ħsara involontarja fuq il-mutur in kwestjoni biss u sempliċement għax issemmiet xi ħaġa f'dan is-sens fl-affidavit tas-Surgent Jason Xerri (PS664).[2] Biss pero', minn eżami ta' dan l-istess dokument, jirriżulta li l-unika rimarka li saret minn dan l-istess Surġent f'dan is-sens kienet dik segwenti u cioe': "… motorcycle ġarrab ħsarat fuq il-ġenb tal-lemin tiegħu";

18. Illi l-esponenti appellanti jikkontendi illi dan is-sempliċi vers ma kellu qatt u qatt iwassal għal sejbien ta' ħtija fuq din l-akkuża in partikolari. Dana tenut

[1] Ara "The Police vs Charlotte Chamberlain", Appell Kriminali, 21/5/1996).

[2] Vide dokument "A" tal-proċess ippreżentat fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2021.

kont ukoll tal-grad tal-prova illi huwa rikjest fi proċeduri ta' din in-natura, u tenut kont ukoll tal-fatt illi semmai, kellha tkun il-prosekuzzjoni illi tressaq provi lil hinn minn dubju dettat mir-raguni f'dan ir-rigward - ħaġa illi l-istess prosekuzzjoni deċiżament naqset milli tagħmel;

19. Illi mill-proċess jirriżulta mhux biss illi l-kwerelant Emanuel Formosa ma kkonfermax din il-ħsara illi qed tiġi addebitata lill-esponenti appellanti, iżda talli ma hemm assolutament l-ebda prova tal-istess, u anqas li din hija r-riżultat ta' dan l-inċident in partikolari;

20. Illi l-esponenti appellanti jmur pass oltre u jikkontendi illi fil-verita' hemm saħansitra kunflitt dwar kemm huwa minnu illi l-mutur in kwestjoni ġarrab ħsara per konsegwenza ta' dan l-inċident. Infatti, fl-okkorrenza tas-Surġent Jason Xerri (PS664)[3] u fuq imsemmija, senjatament f'paġna numru ħamsa (5) tal-istess fejn hemm skizz ta' mutur sabiex fuqu tiġi indikata l-ħsara riskontrata, ma ġie mmarkat assolutament xejn. Dan jistona bil-qawwa mal-iskizz f'paġna 3 tal-istess okkorrenza (li tirreferi għat-truck proprjeta' tal-esponenti appellanti) fejn il-ħsara ġiet effettivament indikata;

21. Illi żgur u mhux forsi illi li kieku l-mutur ġarrab ħsara kaġun ta' dan l-inċident, din kienet tkun indikata f'dan l-iskizz, bħalma wara kollox ġiet indikata fil-każ tat-truck;

22. Illi żgur u mhux forsi wkoll, illi tenut kont tan-natura ta' dawn il-proċeduri, u dejjem fl-umli fehma tal-esponenti appellanti, dan il-kunflitt kellu semmai jopera a favur tiegħu, u mhux kontrieh;

[3] Vide dokument "D" tal-proċess ippreżentat fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2021.

23. Illi dan kollu qed naturalment jingħad mingħajr preġudizzju għal dak premess in kwantu l-esponenti appellanti jsostni illi huwa ma kienx responsabbli għall-inċident *de quo* u *ergo*, anqas illi kkaġuna xi danni kif allegat. Dan l-argument jestendi wkoll għat-tielet akkuża - u cioe' dik tal-ġrieħi gravi - fis-sens illi ladarba l-esponenti appellanti qed jikkontendi illi huwa ma kienx responsabbli għall-inċident odjern, huwa anqas ma seta' jinstab ħati li kkaġuna xi ġrieħi ta' natura gravi;

Semgħet lill-partijiet jitrattaw il-kawża nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2022.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li l-Qorti sabitha bejn ħalltejn min mill-partijiet u cioe' jekk hux l-akkużat appellant jew lill-allegat vittma kellha temmen u b'mod erroneju emmnet il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-kwerelant u eskludiet il-verżjoni mogħtija mill-akkużat appellant. L-appellant jgħid li mill-provi akkweżiti l-Qorti ma kellhiex tasal sabiex tikkundanna lill-akkużat appellant u ssibu ħati tal-akkużi kif addebitati fil-konfront tiegħu.

Kif professat mill-awtur Manzini – onus probandi incumbit qui asserti, u għalhekk kien sta għall-prosekuzzjoni li tipprova lil hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellant kien reponsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u li għalhekk l-akkużi jirriżultaw fil-konfront tiegħu. Din il-Qorti għalhekk eżaminat bir-reqqa l-provi miġbura fil-proċess mill-partijiet qabel ma waslet biex tiġġudika lill-akkużat fuq l-akkużi mogħtija fil-konfront tiegħu.

Rat l-affidavit esebit fl-atti a dol. 7 fejn **PS 664 Jason Xerri** bil-ġurament tiegħu spjega s-segwenti u cioe' li nhar it-13 ta' Ġunju, 2021 għall-ħabta ta' 11.45 a.m il-pulizija ġiet infurmata li kienet seħħet kolliżjoni fin-niżla ta' San Marzjan limiti

tax-Xagħra, Għawdex. Huwa mar fuq il-post u hemm seta jinnota li kien hemm niżla wieqfa ħafna u fl-aktar parti wieqfa u fil-kantuniera ta' din in-niżla kien hemm pick-up truck Mitsubishi registration number KAD926 maħbut ġo ħajt u quddiem u motorcycle registration number HBP 023. Ġie infurmat li x-xufier tal-motorcycle Emanuel Formosa kien ittieħed l-isptar peress li kien ġarrab xi grieħi. Sar skizz fuq il-post u wara sar magħruf mill-isptar li Emanuel Formosa x-xufier tal-mutur kien qed isofri minn feriti ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr Paul Zammit.

Ġie mitkellem l-akkużat u dan wara li ġie mwissi skont il-liġi u għażel li ma jikkonsultax ma' avukat u ffirma d-dikjarazzjoni tar-rinunzja, ta l-verzjoni tiegħu ta' kif ġara l-inċident fejn hu stqarr:-

*" Kont niezel in-nizla ta San Marzjan u f'nofs in-nizla kien hemm kisra u insib mutur tiela gas down f'nofs it-triq u hbatna u jien waqaft u xhin kien ma l-art tal-meda beda jghidli bieximmur nghinu u hu walli li ma setghx jerhilu wahdu il-pick up ghax il-pick up kie nqieghed jtikaxkar peress li kien fil-parti l-iktr wieqafa tat-triq li hija rampa u rampa kienet tizloq.*

*Michael stqarr li hu qallu biex itih il-mobile peress li l-mobile tieghu ma kellux flus go fih u hareg il-mobile biexicempel lit-tifel u tal-mutur rega bdielu u qalli li kien ser itih hass hazin u Michawl qalu li l-van ma tetghx ihallih wahdu peress li kien jitkaxkar u ipprova tlett darbiet ihallih wahdu u dan tkaxkar madwar metru u nofs.*

*X'hin il-van irnexxilu izomm wahdu fuq il-handbreak u ngranat fuq il-four wheel dive low Michael stqarr li nizel ighinu u warrbu minn quddiem il-pickup bix itellghu ghad-dell u f'temo ta minuta il-pick up beda jitkaxkar u l-mutur laqtu bit-tyre u tkaxkar l-isfel sakemm il-pickup habat gol-hajt u waqaf hemm.*

*Michael stqarr li habta saret madwar 25 pied 'l fuq minn fejn sabu il-vetturi mahbuta il-pulizija u l-imsemmija triq hija wahda wieqfa hafna, hija tal-konkos, lixxa u tizloq hafna."*

L-għada l-akkużat informa lill-pulizija li kellu informazzjoni li l-imsemmi Emanuel Formosa dik is-siegħa qabel il-ħabta kien qed jixrob għand it-Tapie Bar Rabat, Għawdex fuq barra, ir-Rabat, Ghawdex u li seta' kien taħt l-effett ta' alkohol. Għalhekk ġie downloaded il-footage ta' Tapie Bar. Ġie mitkellem ukoll Dr Paul Zammit rigward jekk ħax xi testijiet tal-alcohol fejn Dr Zammit stqarr li dan ma ġarax peress ma kienx hemm suspett li Formosa kien xurban. Ta' min jinnota wkoll li x'ħin meta mar ikellem lil Formosa l-isptar dan kien jidher f'sensieh u ma deherx li kien taħt influwenza ta' xorb.

Il-vettura KAD 962 ġarrbet ħsarat fuq in-naħa ta' quddiem tal-lemin filwaqt li l-motorcycle ġarrab ħsarat fuq il-ġenb tal-lemin tiegħu. Ma' dan l-affidavit hemm mehmux skizz li ġie markat bħala dok JX1 u ritratti li ġew markati bħala dok JX2. Ġie mitkellem ukoll Emanuel Formosa l-isptar u dan stqarr " *Kont tiela it-telgha u narah gej l-isfel go wicci u jien ilhaqt waqaft. Irrid nghid li l-pik up tani daqqa u imbuttani l-isfel u beda ighidli li l-brejk ma kienx izomm u tefa il-van mal-hajt ."*

Rat l-affidavit ta' **Dr Paul Zammit** esebit fl-atti a fol 30 markat bħala dok SG1 fejn ikkonferma li kien eżamina lil Emanuel Formosa nhar it-13 ta' Gunju 2021 u sab li kien qed isofri minn *Fracture cmmuted left distal radius* u li kellu wġiegħ fl-għonq. Huwa kklassifika dawn il-ġrieħi bħal li kienu ta' natura gravi.

Rat ix-xhieda ta' **Saviour Farrugia** in rappreżentanza ta' Transport Malta fejn ikkonferma li l-vettura tal-għamla Mitsubixhi L200 numru ta' reġistrazzjoni KAD 962 tgħajjat lill-akkużat kif jirriżulta minn kopja tal-log book li ġie esebit minnu u markat bħala dok FS1.

**Emanuel Formosa** xehed viva voce l-Qorti nhar il-21 ta' Lulju 2022 u spjega li kien sejjer id-dar tielgħa t-telgħa xi tlett piedi 'l bogħod mill-ħajt u appena wasal

ħdejn il-mera (u min ikun nieżel jara min ikun tielgħa minn din il-mera) u ra lill-akkużat ma' wiċċu. Dan tah daqqa u xeħtu mal-art. Qal li l-akkużat baqa' dieħel ġol-ħajt. Huwa baqa' jitgerbeb mal-art u jgħajjat bl-uġiegħ u wara mar jiġbru u daħħlu f'garaxx li kien hemm hemmhekk stess.

Jgħid li spiċċa l-isptar u dan wara li xi ħadd kien ċempel għall-ambulanza. Qal li huwa kien fuq in-naħa tiegħu tat-triq. Minn dan huwa ċert u jgħid li wara li l-akkużat daħal ġo fih baqa' dieħel fil-ħajt.

In kontro eżami jammetti li qabel l-inċident kien għand it-Tapai r-Rabat jitkellem fuq żwiemel u klieb u fis-sakra ma kienx. Jiċħad li kien xorob tlett fliexken birra. Qal li huwa kien qed isuq Lambretta tad-ditta Sim 125cc . Qal li l-lambretta tiegħu hija armata b'roti kbar u għandha żewg suspensions, għalhekk tista' tgħaddi minn kullimkien biha għax qisha mutur. Qal li f'dik it-telgha l-lambretta ma ttelgħax iktar minn 15km/ph. Jgħid li huwa kien riekeb waħdu fuq il-lambretta u l-vettura tal-akkużat ma żammitx u mhux dak li ġie suggerit li bl-impatt waqaf. It-trakk daħal ġo fih u wara spiċċa fil-ħajt. Huwa ma rax il-vettura wieqfa mal-impatt għaliex kien qed jitrambel mal-art. Wara l-inċident mar jiġbru u qallu m'hemmx x'taghmel għax dak li seħħ kien inċident. Qal li huwa ma setax jara lill-akkużat nieżel għaliex il-mera kienet hemm għal min kien nieżel it-triq u mhux tielgħa t-triq. Qal li hu kien tielgħa u kellu d-dritta. Qal li l-akkużat messu rah għax il-mera l-isfel tindika min ikun tielgħa, iżda l-akkużat qabad u dar.

L-akkużat **Michael Angelo Xerri** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar il-21 ta' Lulju 2022. Fit-13 ta' Ġunju 2021 kien nieżel in-niżla ta' Triq Marzjan, ix-Xagħra u fil-kisra sab lil kwerelant Formosa tielgħa bil-lambretta. Qal li kien qed isuq trakk Mitsubishi pero' n-numru ma kienx jafu. Qal li x'ħin ġie fil-kisra sab lil Formosa ġej bil-mutur kontra l-linja fejn tinżel. Għalhekk ha l-brejk u sakemm kien ser jieqaf Formosa ħabat ġo fih. Qabeż il-fanal u l-bonnet u spiċċa fuq in-

naħa tiegħu u staqsieh jekk kienx weġġa. Beda jgħidlu li kien weġġa jdejh u talbu l-għajnuna għaliex kien ser iħossu ħass ħażin. Qallu biex jinżel taħt is-siġar għall-frisk. Qallu li ma setax imur jgħinu għaliex it-trakk ma kienx qed iżomm waħdu u dan għaliex kien fil-parti kera tal-kisra. Qal li appena jitlaq il-brejk minn taħt saqajh it-trakk jibqa sejjer. Qal li t-trakk spiċċa maħbut mal-ħajt. Mistoqsi fejn ħa d-daqqa t-trakk jgħid li kien eżatt bi dritt. Huwa mmarkat fuq ir-ritratti markati bħala dok DB2 u DB3 fejn kien meta saret il-ħabta.

Jgħid li rah l-ewwel darba meta ġew għall-kisra. Qal li kien in-naħa tiegħu waqt li Formosa kien fuq in-naħa żbaljata tat-triq. Qal li t-trakk spiċċa n-naħa l-oħra x'ħin telaq wara l-inċident u mhux qabel. Jaqbel li t-telgħa hi waħda wieqfa. Qal li Formosa telgħa mill-parti wieqfa biex ma imeli l-lambretta. Mistoqsi jekk rax lil Formosa fis-sakra jgħid li in-nies qalulu u lanqas ma kien jaf li Formosa jixrob.

**Ġurisprudenza**

Issa li ġew ikkunsidrati l-provi u senjatament dawk indizzjarja, imiss li ssir riferenza għat-tagħlim ġurisprudenzjali dwar il-forza probatorja ta' dawn it-tip ta' provi.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eleno sive Lino Bezzina** ġie deċiż[4]:

*Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,' kif gie deciz fil-kawza **Pulizija vs Bugeja**, tas-26 ta'* Marzu, *1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk*

[4] Per Onor. Imhallef Raymond C. Pace, Onor. Imħallef David Scicluna u Onor. Imħallef Joseph R. Micallef; Deċiża 24 ta' April, 2003, Att ta' Akkuża Numru 10/1994

*huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.*

Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużat oltre kull dubju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il-prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Peter Ebejer** deċiża fil-5 ta' Diċembru, 1997 qalet illi:-
*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni.*

Għamlet sew infatti l-ewwel qorti li ċċitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ "**Miller v. Minister of Pensions**" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*";"
*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice"*
(373-374).

Fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Lela Ristic**[5], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet eżami funditus dwar dak li jikkostitwixxi prova indizzjarja jew kif aħjar magħrufa 'circumstantial evidence':

At law the position in Malta relative to circumstantial evidence that can lead to a conviction was analysed in various judgments, including **Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et**[6] decided by the Court of Magistrates (Malta) where the main principles were outlined as follows : -

*Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.*

*Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*

*Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg****, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.*

---

[5] Per Onor. Maġistrat Aaron M. Bugeja; Deċiża 16 ta' Diċembru, 2015
[6] Per Onor. Maġistrat Consuelo Scerri Herrera; Deċiża 19.05.2014; Il-Pulizija vs Abdellah Berrad, Youness Berrad.

*Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.*

Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**, "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

*Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.*

**Archbold** fil-ktieb tiegħu **Criminal Practice** [7] b'referenza għal dak li qal Lord Normand fil-każ **Teper vs R** [8] jgħid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence.*
*It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

[7] 1997 edition para 10-3
[8] 1952

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' kif seħħet il-ġrajja.....

Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence:-
(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another);
(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;
(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other coexisting circumstance which would weaken or destroy the inference);
(d) it has to ensure the continuity of the chain of evidence;
(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt.
Now in this case the clear evidence that shows the accused.

Imbagħad il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**[9] iddeċidiet:

[9] Per Onor Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella; Deċiża 5 ta' Lulju, 2002

Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda ....... biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. [**sottolinejar tal-Qorti**[10]]

Fil-każ in desamina jirriżulta li verament l-akkużat kellu l-obbligu li jara mill-mera min kien tielgħa t-telgħa qabel ma jkompli jinżel in-niżla. L-obbligu li jħares fil-mera kien tiegħu u mhux kif donnu ried ifisser l-avukat difensur tiegħu bil-linja ta domandi magħmula minnu lill-kwerelant. Għalhekk kellu l-obbligu li jżomm 'proper lookout'.

Illi hu ovvju li l-ewwel u l-aqwa mod kif wieħed jista' jassikura ruħu minn dan hija billi jeżercita "*a proper lookout*" u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiż-żewġ direzzjonijiet. Illi ġie ukoll ritenut li hu dover ta' driver "*to see what is in plain view*" (App.Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Vella**[11] u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (App.Krim. **Il-Pulizija vs. J. M.Laferla**[12] .

---

10 Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Profs. H. Harding, Onor. Imħallef Joseph A. Herrera u Onor. Imħallef Carmel A. Agius, Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada;
Deċiża 15 ta' Mejju, 1990:
L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinċiment morali, trankwillità għall-aħħar jaslu għall-konklużjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment għall-ħtija tiegħu. L-indizzji, biex jagħmlu prova, jeħtieġ li jkunu univoċi.

11 Deċiz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Awwissu 1963
12 Deċiz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Ġunju 1961

Illi hu ovvju li l-appellant ma żammx proper lookout għax kieku ħares tajjeb 'il quddiem u cioe' ħares lejn il-mera, kien żgur jara l-mutur ġej lejh. Dan il-mutur ma waqax mis-sħab jew immaterjalizza fit-triq proprju kif hu kien qiegħed idur lejn il-lemin. Bil-fors li kien viżibbli għal ċertu intervall. Bil-fatt li l-appellant jibqa` jinsisti li hu f'ebda ħin qabel ma kien ra l-mutur, qed jinkrimina ruħu dwar in-nuqqas ta' proper lookout.

Illi l-appellant ukoll jipprova jispjega li l-motoċiklista kien ġej isuq bi speed eċċessiv anki kieku dan kien minnu dan ma jeżonerax lill-appellant mir-responsabbilta' kriminali għall-akkadut. Dan għaliex f'sede kriminali kull sewwieq iwieġeb għall-aġir tiegħu indipendentement minn dak li jagħmel sewwieq ieħor, ammenoche' dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklużivament tort da parti tas-sewwieq l-ieħor (Ara Appelli Kriminali: "__**Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri**__[13]; __**Il-Pulizija vs. John Polidano**__[14] __**Il-Pulizija vs. Rev. C.Mifsud**__[15]" u oħrajn.). Fi kliem ieħor, il-"*contributory negligence*" ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru. (App.Krim.__**Il-Pulizija, vs. P.Vassallo**__[16]).

L-akkużat ġie akkużat u nstab ħati talli saq il-vettura bi speed traskurat, perikoluż u bla kont.

Illi fl-ewwel lok l-akkużat ġie mressaq u akkużat fuq sewqan perikoluż, traskurat u bla kont u nstab ħati mill-ewwel Qorti ta' sewqan bla kont u traskurat kif inkorporati fis-sewqan perikoluż.

---

[13] Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-16 ta' Marzu 1961
[14] Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Novembru 1963
[15] Kollez.Vol.XXXVIII;,iv.p.1131
[16] Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883

Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri nhar l-4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Andre Apap** fejn dik il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza ta' dik il-Qorti stess diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) fejn ingħad is-segwenti:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiettal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta'taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel."*

*Naturalment ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali, 21/5/96)".*

F'din il-kawża jirriżulta li l-appellant ma żammx proper look out huwa u nieżel minn triq Marzjan u dan meta naqas li jħares mill-mera li kellu quddiemu u b'hekk ma rax il-lambretta tielgħa fit-triq tagħha. Jirriżulta wkoll li l-appellant

saq vettura li ma kinitx tajba għat triq u dan għaliex il-brejkijiet ma kinux qed jorbtu tant li meta ħabat fl-appellant qallu li l-brejks ma jżommux u baqa' dieħel fil-ħajt. Illi hija irresponsabbilta' kbira li peruna li taf li m'għandhiex brejks tibqa' ssuq il-vettura fi triq pubblika u dan a perikolu tagħha stess kif ukoll ta' terzi kif fil-fatt ġara fil-każ in desamina tant li tajjar lill-kwerelant u dan spiċċa bi ksur. Illi għalhekk l-ewwel Qorti kellha raġun tikkonkludi li s-sewqan tal-appellant kien jammonta għal sewqan perikoluż u dan wara li l-istess Qorti kienet kif del resto għamlet din l-istess Qorti eżaminat il-provi kollha akkweżiti.

Fit-tieni lok l-appellant ġie akkużat talli bi traskuraġni u b'negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ikkaġuna ħsarat involontarji fuq il-lambretta HHP 023 proprjeta' tal-kwerelant. Dwar din l-akkuża l-ewwel Qorti sabitu ħati tagħha. Jingħad li għalkemm huwa minnu li l-appellant ħabat fil-kwerelant mill-provi miġbura ma jirriżultax jekk in effeti l-lambretta kellhiex ħsarat u dan għaliex il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dan il-fatt. La ressqet li xi panel beater jew sprayer u lanqas ma ressqet xi riċevuta biex tipprova l-ħsarat li allegatament kellu l-kwerelant u għalhekk kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti din il-Qorti mhix qed issibu ħati ta' din it-tieni akkuża.

Dwar it-tielet imputazzjoni jirriżulta li l-appellant ġie akkużat talli involontarjament u b'nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Formosa. Jirriżulta kif spjegat aktar 'il fuq li l-inċident in desamina seħħ tort uniku tal-appellant. Illi bħala riżultat ta' dan l-inċident il-kwerelant Formosa sofra xi ksur kif konfermat mit-tabib Zammit fl-affidavit tiegħu esebit fl-atti. Illi d-difiża fl-ebda stadju ma pprovat tikkontradiċi dak mistqarr mit-tabib u għalhekk tali akkuża wkoll tirriżulta ben provata kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti.

Għalhekk din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward tat-tieni akkuża u dan billi minflok li tiddikjara lill-appellant ħati tat-tieni akkuża qed tilliberah minnha pero' qed tiċħad l-appell tiegħu fir-rigward tal-ewwel akkuża u tielet akkuża u dan għaliex din il-Qorti qed tikkonferma d-dikjarazzjoni ta' ħtija tal-ewwel Qorti fir-rigward ta' dawn l-akkużi. Stante li qegħda timmodifika s-sentenza tal-ewwel Qorti, sejra tordna wkoll varjazzjoni fil-piena mogħtija u minflok elf euro (€1,000) qed tikkundanna lill-appellant iħallas multa ta' sebgħa mija u ħamsin euro (€750).

Oltre dan qegħda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat sospensjoni tal-liċenzji tas-sewqan tal-mutur għall-perjodu ta' tlett xhur li jibdew jiddekorru millum f'nofs il-lejl.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
**Imħallef**

(ft) Mary Jane Attard
**Deputat Reġistratur**

Vera Kopja

Għar-Reġistratur